MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 14 ta' Frar 2019**

Rikors Numru 306/2016

**Patrick Cassar (PS 935)**
**(ID 344274M)**

**vs**

**Karl Gouder (ID 282479M) fil-kapacita' tieghu ta' editur registrat ta' Radio 101**
**u**
**David Thake (ID 425465M)**

Il-Qorti,

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-15 ta' Dicembru 2016 fejn ir-rikorrent talab is-segwenti:

   *Prevja dikjarazzjoni illi l-kontenut tax-xandira li giet imxandra nhar it-tnejn ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (02.06.2016) fil-programm "Taghna Lkoll" u imxandra mill-intimati, jew min minnhom, fuq l-istazzjon tar-radju Radio 101, traskrizzjoni ta' liema xandira qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument PCi", huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghandu bhala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess rikorrenti, tigu kkundannati, intom jew min minnkom, thallsu lir-rikorrenti dik is-somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centeżmu (€11,646.87) illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qort skond il-Ligi Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).*

   *Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom, u bl-ingunzjoni ta' l-intimati in subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta ta' l-intimati **Karl Gouder u David Thake** ippresentata fit-23 ta' Jannar 2017 fejn laqghu ghal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difizi:

*Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejeż kontra l-istess ghas-segwenti ragunijiet:-*

*1. Illi l-kontenut tax-xandira in kwistjoni mhix libelluża u/jew malafamanti fil-konfront tal-attur, iżda tikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u/jew kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li ghalhekk huma fair comment, kritika accettabbli f'socjetà demokratika u eżercizzju tal-libertà tal-espressjoni sancita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u Il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirriżultax li kien hemm kummenti li huma líbellużi u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

## 2. Provi

1. Rat l-kontenut tax-xandira fejn saret referenza ghal email indirizzata lill-intimat David Thake u li giet moqrija minnu waqt il-programm radjofoniku msejjah 'Taghna Lkoll' illi kien minnu ppresentat, fit 2 ta' Gunju 2016, liema kontenut wassal ghall-ftuh tal-kawza odjerna. (fol 2)

2. Semghet x-xhieda tar-rikorrent **Patrick Cassar** moghtija fis-16 ta' Marzu 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

3. Semghet x-xhieda ta' l-**Ispettur Edmond Cuschieri**, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-6 ta' Lulju 2017.

4. Semghet x-xhieda tas-**Surgent tal-Pulizija 717 Stephen Grima** prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-6 ta' Lulju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

5. Semghet x-xhieda tal-**Kuntistabbli tal-Pulizija 30 Malcolm Cachia** prodott mir-rikorrenti u moghtija fis-6 ta' Lulju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

6. Semghet x-xhieda tal-**Maggur tal-Pulizija 128 Joseph Farrugia** prodott mir-rikorrenti u moghtija fid-19 ta' Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

7. Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta' l-intimat **David Thake** prodott mir-rikorrenti u moghtija fit-23 ta' Novembru 2017.

8. Semghet ix-xhieda in subizzjoni ta' l-intimat **David Thake** prodott mir-rikorrenti u moghtija fit-22 ta' Jannar 2018.

9. Rat illi fid-19 ta' Frar 2018 ir-rikorrent ippresenta 'recording' tal-programm radjofoniku mtella mill-intimat David Thake.

10. Rat illi fid-19 ta' Frar 2018 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

11. Rat illi fit-12 ta' April 2018, 31 ta' Mejju 2018 u 15 ta' Ottubru 2018 l-intimat, fit-tlett istanzi, talab differiment sabiex iressaq il-provi tieghu.

12. Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Karl Gouder** moghtija fit-12 ta' Novembru 2018.

13. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Patrick Cassar** prodott mill-intimat u moghtija fit-12 ta' Novembru 2018.

14. Rat illi fit-12 ta' Novembru 2018 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

15. Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-17 ta' Jannar 2019, wara liema data il-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

**3. Konstatazzjonijiet fattwali.**

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi r-rikorrenti Patrick Cassar, meta saret ix-xandira illi wasslet ghall-proceduri odjerni, kien ilu fil-korp tal-Pulizija ghal tlieta u ghoxrin sena (23) bin-nurmu 935 u, dak iz-zmien, kien Surgent tal-Pulizija stazzjonat gewwa ir-Rapid Intervention Unit u kien '*shooting instructor*' imharreg f'dana il-qasam u fil-qasam ta' 'VIP Protection' u kien iharreg lill-Puluzija, kemm tar-Rapid Intervention Unit, kif ukoll ohrajn, f'dawn l-oqsma.

2. Jirrizulta illi llum il-gurnata ir-rikorrent ma ghadhux Surgent tal-Pulizija stante illi irtira bl-eta' wara hamsa u ghoxrin sena servizz fil-Korp tal-Pulizija.

3. Jirrizulta wkoll, mill-provi ppresentati, illi l-intimat David Thake kien jippresenta programm radjufoniku fuq l-istazzjon tar-radju Radio 101, bl-isem ta' 'Taghna Lkoll', li kien jittella kull jum fost il-gimgha.

4. Jirrizulta illi fi programm partikolari, dak imtella fit-2 ta' Gunju 2016, l-intimat David Thake stqarr illi rcieva ittra ossija email, bhalma kien jircievi hafna, u hass illi kellu jaqra il-kontenut kollu ta' dina l-ittra ossija email, kif jidher fit-traskrizzjoni tal-programm ppresentat mir-rikorrent fejn l-intimat qara l-kontenut ta' tali email, li kienet tghid is-segwenti:

> *Ghaziz David, Nispera li tinstab tajjeb. Il-bierah 31 ta' Mejju, il-Kummissarju tal-Pulizija hareg sejha ghall-applikazzjoni ghall-membri tal-Korp li huma nterassati jkunu kkunsidrati posting ghal Special Weapons and Tactics Group, dak li ahna nafuh bhala SWAT. Tajjeb li niftakru li s-sena li ghaddiet ga kien inholoq SWAT group, imma wara tlett xhur ta' stharrig, is-Superintendent Nezrin Grixti kien irnexxielu jwaqqaf dan it-tahrig billi ta' informazzjoni hazina lil-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien Michael Cassar. L-unika raguni kien il-fatt li huwa ma kienx qieghed imexxi dan it-team tal-SWAT, voldieri Nezrin, skont min qieghed jiktibli din l-ittra ghax ma kienx qieghed imexxi l-SWAT team hu, tefgha daqsxejn ta' torpedo biex jitwaqqaf.*
>
> *Mela tkompli l-email. Wara s-sejha tal-bierah ghall-applikazzjonijiet, din is-sejha indikat li min kien interessat jridu japplikaw, jaghmlu test fiziku u jghaddu, imbaghad jkunu suggetti ghal interview. Is-Supretendent Grixti u l-habib tieghu* ***is-Surgent in-935*** *li ukoll huwa membru tal-RIU bdew ikellmu lil xi nies illi jafdaw u bdew ihegguhom biex japplikaw ghal dawn il-postijiet. Is-Supretendent Grixti u dan is-Surgent diga qieghdin jikkunsidraw lilhom infushom bhala membri ta' dan l-SWAT Team avolja din is-sejha ta' applikazzjoni harget il-bierah u ghada miftuha, jridu jmexxu dan il-unit biex ikunu zguri li min jifforma parti min din il-unit tal-SWAT jkunu Labour. Ghall-dan 1-ahhar tlett snin, Grixti irnexxielu jirrovina l-RIU bil-mentalita' tieghu illi dahhal il-politika f'kollox. Tilef il-fiducja tan-nies tieghu, fil-fatt madwar 32 Ufficjal, anzi 32 pulizija ghamlu statement bil-miktub kontra*

*tieghu fl-Internal Affairs unit. L-Investigaturi li kien hemm I-Internal Affairs tant kienu iddisgustati b'dak li semghu, anzi le b'li kienu semghu. Imma avolja saret investigazzjoni ma ttiehdet l-ebda azzjoni fil-konfront tieghu ghax dan ir-ragel tant huwa b'sahhtu fil-korp.*

*Xi membri tal-RIU ma jkellmuhx avolja huwa is-Superjuri taghhom. Hu ammetta 1-izbalji tieghu u talab lin-nies ta' tahtu biex jahfrulu. Wara s-sejha tal-applikazzjoni tal-bierah, l-azzjonijiet tieghu ghamluha car li fir-realta' ma iddispjacih xejn izda diga ippunta lilu nnifsu bhala l-persuna nkarigat minn dan it-team tal-SWAT u flimkien ma siehbu is-Surgent beda jaghzel nies partikolari ghal dan il-unit. Dana minbarra l-fatt ili l-Kummissarju ma talbux jaghmel hekk. Ghall-inqas dan il-Kummissarju, l-Agent Kummissarju, qed jipprova jaghmel l-affarijiet b'mod tajjeb u qed jipprova jaghmel l-affarijiet bi process ta' ghazla li huwa fair, pero jekk ha jhalli nies bhal Nezrin u dan is Surgent jinterferixxu, m'ghandu l-ebda cans jaghmel l-affarijiet sew.*

***Inti forsi qatt ma smajt bih dan is-Surgent. Dan huwa membru taghna llkoll, jikkunsidra ruhu illi huwa tajjeb daqs xi Navy Seal jew xi Special Forces Operator, pero ma jifhem f'xejn. Jitghallem l-affarijiet minn fuq You Tube u mbaghad ibazwar daqsxejn minn hawn jew ibazwar daqsxejn l'hemm biex jaghti qisu timbru tieghu u jghallem l-istess teknika l-istudenti tieghu. Ma jaqbel xejn mat-training li nghata lil shabu mill-FBI (Hostage Rescue Team) danakollu ghaliex kien waqa' ghac-cajt meta kien attenda l-kors taghhom li kien sponsorjat mill-Ambaxxata Amerikana f'Malta. Dan is-Sinjur huwa inkompetenti illi nghata Glorja kbira minghand Nezrin Grixti dan kollu ghalhiex huwa Labour. Dawn in-nies qeghdin jaghmlu hafna hsara lill-Korp tal-Pulizija, huma nies inkompetenti u jiehdu pjacir jitfghu it-tajn lejn in-nies illi huma ahjar f'xogholhom milli huma huma.*** (sottolinjar tar-rikorrenti)

*Ovjament jiena nafda l-identita' tieghi mieghek u nselli ghalik.*

*L-isem u l-kunjom ta' din il-persuna qeghdin ghandi pero ovjament ma nohroghomx.*

5. Jirrizulta, mix-xhieda moghtija tar-rikorrent, illi stqarr li kien jahdem fl-Amministrazzjoni tal-Pulizija bhala '*Shooting Instructor*' flimkien ma' persuna ohra, l-PS 717, taht it-tmexxija tal-Ispettur Edmond Cuschieri, li tahtu taqa' ir-Rapid Intervention Unit, kien attwalment jiehu hsieb it-tahrig u l-ezamjiet izda qatt ma kien involut fl-ghazla tal-persuni illi jaghmlu tali tahrig, kemm mir-Rapid Intervention Unit kif ukoll mil-Pulizija in generali, stante illi dan kien ikun fuq bazi volontarju.

6. Jirrizulta ukoll, mill-provi prodotti mir-rikorrent, illi, bejn is-snin 2006 u 2015 ir-rikorrent attenda ghal varji korsijiet ta' tahrig gewwa l-Istati Uniti u pajjizi ohra, inkluz lokali, u ma entitajiet varji, inkluz l-FBI, fejn inghata tahrig varju inkluz SWAT Training milll-FBI Tactical Section gewwa l-Istati Uniti, tahrig fuq l-uzu proprju ta' armi u pistoli varji kemm gewwa Malta kemm gewwa l-Istati Uniti, u tahrig ta' First Aid f'emergenzi. (fol 30 sa 52).

7. Jirrizulta wkoll illi, recenement, waqt li kien hawn l-attivita ta' CHOGM f'Malta f'Novembru 2015, ir-rikorrent kien involut fit-tahrig u implimentazzjoni tat-tahrig Puluzija w s-sigurita' ghall-VIP's u inghata ringrazzjament specjali ghax-xoghol tieghu mill-Ufficjali Kanadizi u Francizi.

8. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat David Thake, inizzjalment ma setax jiftakar u/jew jikkonferma it-trascript tal-programm stante illi, fi kliemu stess "*jien ghamilt xandira kulljum ghal madwar sentejn u nofs u ma nahsibx li nkun nista niftakar l-kontenut ta' kull wahda minnhom*" (fol 87).

9. Jirrizulta illi sussegwentement, fix-xhieda tieghu moghtija f'seduta ohra wara illi qara il-kontenut tat-traskrizzjoni ppresentata kontestwalment mar-rikors promotur, l-intimat ikkonferma illi "*meta bniedem jaghmel kuntatt mal-istazzjoni, jien ma nistax niccensura li hadd*" u fuq domanda jekk ghamilx il-verifiki tieghu qabel ma qara l-ittra, huwa stqarr illi ma ghamel ebda konferma tal-fatti kif imsemmija u, kif jinsisti hu stess "*kont naqra kull ittra li kienet tasal*". (fol 92-93)

10. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat Karl Gouder, li qatt ma identifika ruhu bhala l-editur tal-istazzjon Radio 101, jistqarr illi jahdem Media Link Communications u qal li t-tmexxija tal-programm 'Taghna Lkoll' kien f'idejn l-intimat David Thake li kien fil-liberta' jaghmel li jrid, u di fatti stqarr li bhala Media Links Communications "*nipprovaw ma tantx nindahlu x'jghidu l-presenters taghna*" u "*kemm jista jkun inhalluhom fil-liberta' halli jesprimu lilhom infushom*".

**4. Konsiderazzjoni Legali**

1. Jirrizulta illi d-difiza principali ta' l-intimati hija illi dak illi ntqal ma kienx libelluz u, semmai, kien jammonta ghal *fair comment*.

2. Dwar '*fair comment*', **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

3. Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, intqal is-segwenti :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

4. Finalment, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fil 21 ta' Frar 2017 fl-ismijiet "**Adrian Mizzi vs Ryan Paul Galea**" fejn ghamlet is-segwenti rendikont ta' taghlim dwar d-difiza tal-"fair comment":

> *Fil-meritu d-difiża tal-konvenut kienet li, "Il-kummenti tal-esponenti jammontaw*

*ghall-fair comment bażati fuq fatti sostanzjalment korretti". Hemm distinzjoni bejn fatti u fair comment, li m'hijiex dejjem faċli li tistabbilixxi. F'opinjoni li nkitbet mill-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-każ Marra vs De Gregorio et, 26 ta' Ġunju 2008, kiteb:*

> *"Second, a distinction must be drawn between factual allegations against particular individuals and opinions or value judgments. As the European Court of Human Rights has held 'while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10'. When a Member of Parliament makes a value judgment about a matter of general importance, no matter how upsetting or offensive some people may find it, he should, in principle, be able to avail himself of absolute privilege".*

*Il-Qorti Ewropea ta' Strasburg fil-każ Sofranschi vs Moldova (34690/05) tal-21 ta' Diċembru 2010, qalet:*

> *"32. A further aspect of the complaint which is relevant for the Court's determination in the present case is the distinction between statements of fact and value judgments. The applicant's letter contained both factual allegations of irregular conduct on the part of V.P. and value judgments about his unethical behaviour. It has been the Court's consistent view that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the rights secured by Article 10 (see Savitchi v. Moldova, no. 11039/02, § 49, 11 October 2005)".*

*Dwar fatt u kumment, Lord Phillips fis-sentenza Joseph vs Spiller (2010) (Qorti Suprema tal-Ingliterra) qal:*

> *"17. Second, the comment must be recognisable as comment, as distinct from an imputation of fact. If the imputation is one of fact, a ground of defence must be sought elsewhere, for example, justification or privilege. Much learning has grown up around the distinction between fact and comment. For present purposes it is sufficient to note that a statement may be one or the other, depending on the context. Ferguson J gave a simple example in the New South Wales case of Myerson v. Smith's Weekly Publishing Co Ltd (1923) 24 SR (NSW) 20, 26: 'To say that a man's conduct was dishonourable is not comment, it is a statement of fact. To say that he did certain specific things and that his conduct was dishonourable is a statement of fact coupled with a comment".*

## 5. Konsiderazzjonijiet li jwasslu ghall gudizzju ta' dina l-Qorti

1. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ghalkemm ir-rikorrent indika lill Karl Gouder bhala l-editur registrat ta' Radio 101, ma pproduca ebda dokument ufficjali illi turi illi attwalment l-intimat Gouder kien l-editur registrat u wisq anqas ma ikkonfermaha l-istess Karl Gouder fix-xhieda tieghu, fejn indika biss illi jahdem gewwa Media Link Communications – ghalhekk huwa ma jistax jinstab responsabbli tal-agir ta' Radio 101 bhala editur, stante illi ma hemm ebda tip ta' prova, kif rikjest mill-Ligi, li turi illi huwa attwalment kien l-editur.

2. Dwar l-intimat l-iehor, David Thake, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dan ma ghamel ebda sforz sabiex jipprova jiggustifika l-kummenti illi saru dwar ir-rikorrent u l-allegazzjonijet illi saru fil-konfront tar-rikorrent fil-programm radjufoniku tieghu, u wisq anqas ma pproduca lill-persuna illi allegatament bghatlu l-email illi fiha saru hafna allegazzjonijet fil-konfront tar-rikorrent u li l-intimat David Thake ghazel illi jaqra 'in toto' fil-programm radjufoniku tieghu.

3. Il-Qorti tosserva illi d-difiza ta' l-intimat David Thake kienet semplicement wahda, ossija illi kull min icempel fuq il-programm tieghu ma setax jigi ccensurat u kull min baghat email jew ittra, kienet tinqara tali email jew ittra mill-intimat minghajr censura, ghax hekk hass li kellu jaghmel.

4. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi huwa presunt illi f'kaz ta' programm li jittella '*live*', bhalma kien il-programm imtella mill-intimat David Thake, jaf ikun difficili illi wiehed jiccensura kumment illi jkun qieghed jaghmel semmiegh '*live on-air*', minkejja illi attwalment tesisti teknologija illi tista tipprovdi tali protezzjoni, certament tali argumentazzjoni ma tistax tapplika ghal emails u/jew ittri illi l-intimat David Thake ircieva u illi huwa qara fuq il-programm tieghu.

5. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fil-kaz ta' emails u/jew ittri li rcieva l-intimat David Thake u gew eventwalment minnu mxandra, l-intimat kellu kull opportunita' u hin sabiex jaqra l-emails jew ittri minn qabel u jaghraf liema kontenut jaf ikun libellluz u ghalhekk, la darba l-intimat ghazel illi jaqra l-kontenut kollu tal-emails, minghajr ebda censura, huwa assuma responsabbilta' ta' dak illi kien hemm miktub u ghalqstant ghandu jitqies bhallikieku l-kummenti illi saru fl-email u minnu moqrija kienu attwalment kienu kummenti illi ghamel direttament l-intimat David Thake, u huwa ghandu jerfa r-responsabilta' taghhom u mhux jahrab minn tali resposabbilta'.

6. Il-Qorti, hawnhekk, taghmel referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet '***Dr Beppe Fenech Adami vs Aleander Balzan***', fejn dwar liberta' tal-espressjoni kellha dan xi tghid:

> *9.2 F'dan l-aggravju l-konvenut qal l-ovvju. Pero' l-liberta tal-espressjoni ma jfissirx li tghid li trid u tattakka r-reputazzjoni ta' haddiehor billi tallega fatti qiesu xejn mhu xejn. Kulhadd ghandu l-jedd li jiddefendi r-reputazzjoni tieghu, irrispettivament huwiex persuna privata jew pubblika.*
>
> …
>
> *9.4 L-iskrutinju ta' persuni bhall-attur hi essenzjali u l-gurnalisti ghandhom rwol important hafna f'dan kollu, partikolarment minn dawk il-gurnalisti li huma indipendenti u m'ghandhom l-ebda rabta ma' partiti politici. Sfortunatament, f'Malta l-gurnalisti indipendenti huma a rare breed u dan ma jghinx biex il-pubbliku ikollu rappurtagg li hu oggettiv.*

7. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, ghalkemm huwa ammess illi r-rikorrent kien persuna pubblika, stante illi kien ufficjal pubbliku la darba kien membru tal-Korp tal-Pulizija, xorta wahda ma jfissirx illi seta jigi liberament attakkat u mzebblah fuq il-mezzi tax-xandir minghajr ebda tip ta' prova sabiex jigi sustanzjat dak illi jkun gie allegat fuq ir-rikorrent.

8. **Il-Qorti, b'dispjacir, ma tistax ma tinnutax illi llum il-gurnata qieghdin nghixu f'socjeta' fejn hija r-regola li persuna pubblika tigi attakata indiskriminatament u minghajr ma jsir ebda investigazzjoni kif mehtiega minn qabel taht il-pretest illi kullhadd ghandu il-'liberat tal-espressjoni' u l-mezzi tax-xandir lokali qieghdin jintuzaw bhala ghodda ta' divizjoni u ghejra u mhux bhala ghodda ta' informazzjoni u tkattir tal-edukazzjoni, kif jisthoqq lill pajjiz taghna.**

9. **Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi x-xandir tal-kontenut tal-email da parte ta' l-intimat David Thake minghajr ma ghamel ebda tip ta' verifiki ta' l-allegazzjonijet hemm maghmulha hija indikazzjoni cara ta' l-istat fqir u bla etika li bih kien jitmexxa l-programm da parte ta' l-intimat, u possibbilment huwa anke riflessjoni ta' l-istat xejn felici illi fih jinsab fih ix-xandir pubbliku in generali, fejn kullhadd jghajjar lill kullhadd minghajr ebda tip ta' investigazzjoni u gustifikazzjoni ghajr il-pretest illi tesisti l-liberta tal-espressjoni u jipprotestaw l-innocenza taghhom meta persuna mghajjra u mzebilha taghzel illi tipprotegi d-drittijiet u r-reputazzjoni taghha billi tirrikorri ghall-protezzjoni tal-Qrati!**

10. Il-Qorti ma tistax ma tadottax, anke fil-kaz odjern, dak illi gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

    *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id-dritt.*

11. Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), dwar l-agir ta' gurnalist, li din il-Qorti tqis illi hija applikabbli wkoll ghall-intimat David Thake, ghalkemm certament ma jistqax jitqies bhala gurnalist, fis-sentenza '**Ingineer Anthony Bezzina vs Josef Caruana**' deciza fl-10 ta' Marzu 2017, fejn qalet is-segwenti:

    *Filwaqt li gurnalist ghandu kull jedd u anzi dmir li jirrapporta grajjiet ta' interess pubbliku, pero' ghandu jaqdi dmirijietu in bona fede u m'ghandux jedd jakkuza persuna b'fatti li ma jkunux veri. Id-dritt tal-liberta ta' espressjoni mhuwiex dak li tivvinta .*

12. Mill-provi kollha kif prodotti, jirrizulta illi r-rikorrent qatt ma kien inkarikat fl-ghazla ta' nies ghall-korsijiet ta' tahrig u kellu t-tahrig kollu mehtieg, kemm lokali kif ukoll ta' barra minn Malta, sabiex jaghmel ix-xoghol tieghu ta' 'Trainer' b'kompetenza u lealta' lejn il-Korp tal-Pulizija – liema provi jcahhdu l-allegazzjonjiet kollha illi saru fil-konfornt tar-rikorrent, liema allegazzjonijet jidher car illi saru rizultat ta' ghejra ta' persuna jew persuni fil-konfront tar-rikorrent, liema ghejra tidher illi hija l-marda kronika tal-pajjiz taghna u li wasslet sabiex, fil-kaz odjern, ir-rikorrent jigi akkuzat bhala inkompetenti u politikament influwenzat meta l-provi prodotti mir-rikorrenti juru fatti totalment differenti.

13. **Il-liberta tal-espressjoni ma hijiex il-liberta illi toffendi u tghajjar lill-terzi minghajr ebda bazi u certament ma ghandha qatt tintuza bhala tarka minn hadd meta kummenti jsiru fuq il-mezzi tax-xandir <u>unikament</u> sabiex jwegghu u jaghmlu hsara lill-persuna, liema kummenti jkunu xprunati mill-mibgheda u ghejra illi persuna jista jkollha lejn il-persuna l-ohra illi tigi mghajjra u attakata pubblikament. Tali azzjonijet kodardi u viljakki jaghmlu hsara kbira lill-komunita' kollha tax-xandir lokali u l-kredibilita illi hija ghandha jkollha mac-cittadin, fejn jistenna li fuq il-mezzi tax-xandir huwa jinghata opportunita' illi jkattar u jizviluppa t-taghlim personali tieghu u l-avvanz fl-gharfien tal-fatti veri u mhux illi jigi indottrinat b'attakki u mewg ta' mibgheda kontinwa illi**

**donnha saret il-moda fis-socjeta taghna Maltija ta' llum fuq uhud mill-mezzi tax-xandir lokali.**

**6. Konsiderazzjonijiet ta' danni**

1. Il-Qorti tosserva illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '***Dr Andrew Borg Cardona et vs Aaron Farrugia***' deciza fit 18 ta' Dicembru 2018, il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-kalkolu tad-danni:

   *"il-Qorti hi tal-fehma li jkun iktar floku jekk f'kawza ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza taghti r-ragunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut ihallas. Hemm diversi ragunijiet, bhal per ezempju:*

   - *In-natura u s-serjeta tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
   - *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
   - *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
   - *Li l-awtur ikun ghamel apologija jew offra li jaghmel apologija;*
   - *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
   - *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verita tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun gew imxandra jkunu rrizultaw li huma veri; "*

2. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb u l-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell, u filwaqt illi taghmilha taghha, taghmel ukoll referenza ghall-gurisprudenza ohra fejn jirrigwarda l-kalkolu ta' danni.

3. Jirrizulta illi fil-kaz **CLEESE V CLARK & Associated Newspapers** deciz mill-England and Wales High Court (Queen's Bench Division) fis-sitta ta' Frar 2003, l-Imhallef Eady kellu dan xi jghid dwar l-kuncett ta' danni:

   *37. The purpose of libel damages is threefold:*

   *(1) to compensate for distress and hurt feelings;*
   *(2) to compensate for any actual injury to reputation which has been proved or which may reasonably be inferred:*
   *(3) to serve as an outward and visible sign of vindication.*

   *38. It is necessary always to take into account the full circumstances of the case. Such factors have to be borne in mind as the gravity of the allegations, the scale of publication, the extent to which any readers believed the words to be true, any impact upon the claimant's feelings, reputation or career. There may be matters of aggravation or mitigation which also need to be put in the scales. It is, moreover, often the case that the claimant's own conduct will have a part to play in arriving at the appropriate figure. A fundamental point always to be remembered is that the purpose of such damages, and indeed compensation awarded under s.3(5), is compensatory and not punitive. It is also well sealed that financial compensation (unlike any penalty) is to be awarded without regard to the parties' means. It is thus inappropriate to award higher compensatory damages because a newspaper group is perceived as having immense wealth; correspondingly, it would be inappropriate to award a rich claimant a greater sum than one who is less well off simply because the damages in contemplation might seem to him or her merely a drop in the ocean.*

4. Lokalment, jirrizulta illi fil-kawza deciza fis sitta ta' Frar 1950 mill-Prim Awla fl-ismijiet **Onor. Paul Boffa noe et vs Paul Zammit** (vol. XXXIV p. II. p. 480), intqal is-segwenti:

> *"Il-mezzi li l-ligi tuża sabiex tirrepara u tirristabilixxi d-dritt vjolentement spostat fuq il- bażi tiegħu huma diversi... Infatti... min jonqos minn obbligazzjoni jigi obbligat jadempiha fil-forma specifika jew jigi kundannat għar-riparazzjoni tad-danni bħala surrogat reintegrattiv. Imma hemm certi fattijiet li huma rriperabbli bħal meta jkun hemm id-distinzjoni, il-għaliex hu logiku u naturali li dak li jigi distrutt ma jistax jerga' jirritorna taħt l- ebda forma. (Il-bniedem maqtul, l-unur tal-persuna kalunjata jew malafamata huma eżempju ta' fattijiet irreparabbli)."*

5. Fil-kaz '**Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti A&CE**', deciz mill-Prim'Awla fit-8 ta' Novembru 1957, il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"L-interess biex wieħed jagixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purche' guridiku, jigifieri korrispondenti għall-lezzjoni ta' veru dritt; u għalhekk ittra mibgħuta lil persuna, li tilledi l- onorabilita' ta' persuna oħra, tagħti lil dan ta' l-aħħar id- dritt li titlob il-protezzjoni tal-ligi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsita' tal-kontenut ta' dik l-ittra; **u dan avvolja l-persuna offiża ma tkunx sofriet danni materjali**."*

6. Finalment, fil-kaz "**Carmel Tonna et –vs- Felix Agius et**", deciza fit- 23 ta' Marzu 1993 (Vol LXXVII pII p87) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellha tinzamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni. Il-Qorti, di fatti, kienet qalet illi

> *"l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, il-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera".*

7. Mehud dana kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet:

    a. Ir-rikorrent, meta saret ix-xandira, kien persuna pubblika peress illi kien ufficjal pubbliku stante illi kien Ufficjal tal-Korp tal-Pulizija, u ghalhekk ghandu jkun espost ghal kritika ghal-agir u l-azzjonijiet tieghu, ghalkemm mhux sal-livell estrem accettat ghall-persuna politika;

    b. La darba ir-rikorrent huwa persuna pubblika, il-Qorti tifhem illi l-ghan ewlieni tieghu ta' azzjoni ta' libell huwa illi jirrettifika kwalsiasi informazzjoni skorretta illi tkun inharget kontra tieghu u li, fil-pubbliku, jigi skagunat u mehlus minn kwalsiasi akkuza illi tkun saret kontra tieghu infondatament;

    c. Ir-rikorrent, fil-kaz odjern, di fatti, ma kkwantifika ebda danni illi seta sofra rizultat ta' dak imxandar.

    d. L-intimat David Thake, da parte tieghu, kien ixandar programm fuq radju li kien jinstema mill-pubbliku kollu, fejn ippermetta lill kull min jixtieq jaghmel xi lanjanza u/jew allegazzjoni dwar persuna u/jew persuni, jghid kull ma ried jghid, minghajr ebda tip ta' kontrol filwaqt illi zamm kull min jaghmel l-allegazzjonjiet protett bl-anonimat.

    e. L-intimat David Thake, fil-kaz odjern, ma ghamel ebda sforz sabiex jiddefendi l-kaz tieghu ghajr illi xehed quddiem dina l-Qorti biex jghid illi huwa kien jxandar dak illi

jghidulu l-persuni li jaghmlu kuntatt mieghu minghajr ma jaghmel ebda tip ta' investigazzjoni.

f. L-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-uzu ta' mezzi ta' xandir sabiex jigu attakati indiskriminatament persuni minghajr ma jinghataw ebda opportunita', minn qabel, sabiex jiddefendu lilhom innifisihom huwa uzu hazin, jekk mhux qarrieqi, ta' mezzi ta' xandir, u ghandu jigi kkundannat u punit.

g. Finalment, il-Qorti tosserva illi l-allegazzjonijiet illi saru kontra r-rikorrent kienu serji, stante illi gie allegat illi huwa kien persuna inkompetenti u li kellu alleanzi poltici illi kien juzahom biex jippreferi persuni minn ohra – ghaldaqstant l-allegazzjonijiet illi saru kienu serji.

8. Tenut kont ta' dawna l-fatti kollha, il-Qorti tqis illi jkun opportun li d-danni jigu kkwantifikati fl-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000).

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet rat it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Wara illi ghamlet il-konsiderazzjonjiet kollha taghha kif fuq spjegat,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tillibera** mill-osservanza tal-gudizzju lill Karl Gouder stante illi ma ngiebet ebda prova illi huwa l-editur registrat ta' Radio 101,

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat David Thake,

**Tilqa'** t-talba tar-rikorrent kif dedotti unikament fil-konfront ta' l-intimat David Thake u

**Tiddikjara** il-kontenut tax-xandira li giet imxandra fuq il-programm 'Taghna Lkoll' fuq Radio 101 fit 2 ta' Gunju 2016 bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk,

**Tikkundanna** lill-intimat David Thake ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) in linea ta' danni sofferti minnu rizultat tax-xandira fuq imsemmija.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku ta' l-intimat David Thake.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur